MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 564/2013

**Avukat Dr. Nicholas Valenzia bhala mandatarju specjali**
**tal-kumpanija estera Martha Ann I Limited**

**vs**
**Palumbo Malta Shipyard Ltd**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Palumbo Malta Shipyard Ltd tal-10 ta’ Gunju 2013 ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru 846/2013 ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 kif ukoll l-impozizzjoni ta’ penali ai termini tal-artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

## Ikkunsidrat

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li l-mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' €900,000 mahrug mill-Qorti fuq talba tal-intimat kontra s-socjeta rikorrenti ghandu jigi revokat. Qed tibbaza din it-talba fuq l-allegazzjoni li mhux prima facie gustifikat, jew eccessiv [art. 836(1)(d)] u li fic-cirkostanzi mhux regonevoli li jinzamm fis-sehh jew ma ghadux necessarju jew gustifikabbli [836(1)(f)].

Jirrizulta li l-hrug tal-mandat intalab a bazi ta' pretensjoni li ghandha s-socjeta intimata ghad-danni sofferti fil-yacht proprjeta taghha meta dan il-yacht kien qed isirulu xogholijiet fil-facilitajiet tal-Palumbo Malta Superyachts Limited u fl-istess waqt ftit il-boghod kien qed isir xoghol ta' grit blasting u spraying fuq il-bastiment Rio Genoa minn Palumbo Malta Shipyard Ltd. Dan tal-ahhar ma kienx qed isir kif kellu jsir billi ma ttiehdux mizuri ta' prevenzjoni skond l-obbligi imposti mill-MEPA rigward grit blasting u b'konsegwenza ta' dan il-yacht tas-socjeta intimata sofra hsarat.

Din l-allegazzjoni hi rafforzata minn survey tekniku ex parte esebit fl-atti fejn il-konkluzjonijiet f'paragrafu 11 tar-rapport jsostnu l-allegazzjoni tas-socjeta intimata.

Rigward id-danni reklamati permezz tal-mandat giet wkoll esebita stima markata Dok. MA1 fl-atti ta' dan ir-rikors tal-ispejjez biex isir ir-refinishing fuq il-yacht liema stima hi ta' €900,000 approssitivament. Is-socjeta intimata pero qed tirriserva drittijiet ulterjuri ta' danni ghal telf ta' profitt sakemm issir it-tiswija.

Din hi l-bazi fattwali ghal hrug tal-mandat. F'dan l-istadju ta' proceduri din il-Qorti ma ghandhiex bl-ebda mod tissindaka jew tikkonsidra l-mertu tal-azzjoni li tista' tinsorgi a bazi tal-hrug ta' dan il-mandat. Dak li pero ghandha dritt taghmel hu illi tara li l-parametri tal-ligi gew osservati ghal hrug tieghu.

F'din l-indagini min jitlob il-hrug ta' mandat irid jipprova li ghandu pretensjoni prima facie. Din il-pretensjoni tidher mill-pretiza ta' dannu kagunat lil proprjeta tas-socjeta

intimata mill-operat tas-socjeta Palumbo Malta Shipyard Ltd. Din il-pretensjoni hi sorretta minn survey report ex parte tas-socjeta intimata. Dan ma jfissirx li s-socjeta intimata ghandha raguni f'dak li qed tippretendi izda f'dan l-istadju kull ma trid turi lil Qorti li hemm bazi prima facie ta' pretensjoni, u nes guridiku ghal tali pretensjoni.

Ghalkemm hu lecitu ghas-socjeta rikorrenti li tirribatti li ma hemmx prova cara ta' hsara, jew li ma hemmx nexus bejn is-socjeta rikorrenti u l-hsara sofferta fil-yacht billi x-xoghol ta' grit blasting kien qed isir minn kumpanija ohra fuq il-vapur li kien sorgut fil-facilitajiet taghha, pero dawn huma konsiderazzjonijiet fil-mertu ta' azzjoni gudizjarja biex jigi stabbilit ir-responsibilita u eventwalment f'kaz posittiv il-quantum tad-danni. Dak li qed tallega s-socjeta intimata hu ili s-socjeta rikorrenti hi responsbbli ghan-nuqqas taghha li fil-proprjeta taghha tiehu mizuri necessarji skond il-permess jew kondizzjonijiet tal-MEPA biex fl-operazzjonijiet kummercjali li jsiru fil-proprjeta taghha ma ssirx hsara lil terzi. Din hi l-allegazzjoni u s-socjeta intimata kull ma trid tipprova f'dan l-istadju ferm bikri hu biss ness fattwali u legali tat-talba ghal hrug tal-mandat mas-suggett li kontrih intalab il-mandat. Dan gie pprovat ghalkemm per se ma jfissirx li s-socjeta intimata ghandha jew qed jigi implikat li ghandha xi ragun fil-mertu. Pero gie gustifikat fuq bazi prima facie t-talba ghal hrug tal-istess mandat, liema gustifikazzjoni ma gietx meghluba mis-socjeta rikorrenti, bhala wahda minghajr bazi ta' mertu ghal hrug tal-mandat.

In kwantu ghall-ammont kawtelat, dan jirrizulta li hu sodisfatt minn stimi wkoll ex parte li f'dan l-istadju ma ngiebet ebda prova li hu eccessiv kif jitlob l-artikolu 836(1)(d).

Bl-istess mod jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti li ggib prova li l-mandat ma ghadux necessarju jew gustifikabbli. Mill-bidu tal-proceduri lura fl-2012 bil-protest u kontro protest, ic-cirkostanzi ghadhom l-istess u s-socjeta rikorrenti ma gabet ebda prova tali li ggieghel lil Qorti li tiddikjara li l-bdil f'xi cirkostanzi irrendiet il-mandat mhux necessarju jew gustifikabbli aktar.

Ghalhekk din il-Qorti ma tqis li hemm ragunijiet biex il-mandat jigi revokat.

In kwantu ghat-talba ulterjuri tas-socjeta rikorrenti li tigi imposta multa a bazi tal-artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 ghax ma gietx notifikata mis-socjeta intimata fi zmien hmistax qabel l-intavolar tal-mandat bil-pretensjoni taghha.

Dan l-artikolu hu intiz biex jissalvagwardja persuna milli tigi rinfaccjata b'mandat minghajr ma tigi infurmata minn qabel bil-pretensjoni ta'dak li jallega li hu kreditur u ghalhekk jinghata zmien biex jirrispondi jew jammetti l-pretensjoni in parte jew kollha. F'dan il-kaz, ghalkemm il-mandat inhareg f'Gunju 2013, sa mill-ahhar tal-2012 is-socjeta intimata kienet gia avvanzat il-pretensjoni taghha permess ta' protest gudizzjarju li ghalih irrispondiet is-socjeta rikorrenti b'kontro protest fejn cahdet kull responsabilita.

Ghalkemm ma harigx car waqt it-trattazzjoni, x'tip ta' kommunikazzjoni kien hemm fil-fratemp, pero hu car illi s-socjeta rikorrenti keinet taf bil-pretenzjoni u s-socjeta rikorrenti fir-risposta cahdet kull tip ta' responsabilta. Ma ngiebet ebda prova li sar xi tentattiv ta' kompromess jew xi proposti ta' soluzzjoni ghal vertenza u kwindi ma jistax jinghad illi s-socjeta intimata naqset b'xi mod fil-hrug tal-mandat meta s-socjeta rikorrenti avzata bil-pretensjoni ma hallietx dubbju dwar il-pozizzjoni taghha cioe li kienet qed tichad kull responsabilta. Dan l-istat ta' fatt pogga lis-socjeta intimata fid-dritt li tezercita d-drittijiet moghtija mill-ligi fosthom il-hrug ta' mandat. Il-fatt li bejn il-protest u l-mandat ghaddew sitt xhur ma jistax jitqies illi s-socjeta intimata kienet irrinunzjat ghal xi pretensjoni u li s-socjeta rikorrenti kienet konvinta li l-kwistjoni kienet maghluqa. Id-danni gew kwantifikati approssitivament fil-mandat sorretti mid-dokumentazzjoni esebita in atti u ghalhekk ma hemmx lok li s-socjeta rikorrenti taghti garanzija ghax il-kreditu mhux wiehed likwidu kif donnu qed jigi allegat fir-rikors.

Ghal din ir-raguni din it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi michdua.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tichad ir-rikors ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 564/2013. Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------